MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2009

Numru. 173/2001

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**

**vs**

**Benjamin Farrugia**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Benjamin Farrugia ta' 48 sena, iben Paul u Carmela nee' Formosa imwieled Sliema fl-10 ta' Settembru 1952 u residenti fl-indirizz 17, Tal-Borg Street, Paola u detentur tal-karta tal-identita' numru 899652(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fil-31 ta' Lulju 1998 u f' dati precedenti, f' dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-

istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni f' att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b' falsifikazzjoni jew b' tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi , jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f' dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw. Dan bi ksur ta' l-Artikolu 183 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess cirkustanzi xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza. Dan bi ksur ta' l-Artikolu 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

B' hekk ukoll kiser il-provedimenti dwar sentenzi sospizi, Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq sentenza mill-Qorti tal-Magistrati tad-9 ta' Gunju 1998.

Sar recediv ghat-termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap . 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie kkundannat b' diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f' kaz ta' htija, tikkundanna lil Benjamin Farrugia ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 27 ta' Frar 2001 (esebit a fol.18 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat :

Illi fl-10 ta' Gunju 1999 il-Pulizija rceviet rapport minghand certu Michael Farrugia fejn dan spjega li kien sellef xi flus lill-imputat Benjamin Farrugia u allega li dan tal-ahhar kien hallsu lura b'cekkijiet li ma gewx onorati. Michael Farrugia kien ghadda dawn ic-cekkijiet lil Pulizija u sussegwentement dawn ic-cekkijiet gew esebiti minnu fil-proceduri odjerni (esebiti a fol. 49 u 50 tal-process). Si tratta ta' tlett cekkjijet, l-ewwel wiehed (Dok. AL3) huwa cekk tal-Mid Med Bank Limited, huwa datat 4 ta' Novembru 1996, huwa mahrug minn kont ta' Dr. Frank Portelli, huwa pagabbli lil Benny Farrugia u huwa mahrug fl-ammont ta' Lm480.00. It-tieni cekk (Dok. AL2) huwa tal-Bank of Valletta, huwa datat 14 ta' Settembru 1997, jirrigwarda kont ta' JR Talbot, huwa mahrug lil Benny Farrugia u huwa mahrug fl-ammont ta' Lm3000. It-tielet cekk (Dok. AL1) huwa tal-Barclays Bank, jirrigwarda kont ta' AP. Mallia, huwa datat 17 ta' Novembru 1996, huwa pagabbli lil B. Romayne u huwa mahrug fl-ammont ta' £1,600. Kif diga' spjegat aktar 'il fuq Michael Farrugia kien irraporta lil Pulizija li l-imputat kien prezentalu dawn ic-cekkijiet bhala pagament tad-dejn li kellu mieghu izda meta Farrugia prezenta dawn ic-cekkijiet il-bank sabiex jissarfu dawn gew lura *'refer to drawer'* u ghalhekk ma gewx onorati.

Mill-atti jirrizulta li fis-27 ta' Ottubru 2000 il-Pulizija baghtet ghall-imputat u huwa rrilaxxja stqarrija (esebita a fol. 17 tal-process) fejn rigward ic-cekk immarkat bhala Dok. AL3 l-imputat qal li kien sab dan ic-cekk fit-triq, B'Kara. Huwa gharaf il-kitba tieghu fuq dan ic-cekk in kwantu jirrigwarda il-kliem li jindikaw lil min hu pagabbli ic-cekk u l-ammont izda qal li l-firma fuq dan ic-cekk ma kienx ghamilha hu. L-imputat izda ikkonferma li huwa kien ghadda dan ic-cekk lil Michael Farrugia bhala pagament tad-dejn li kellu mieghu. Rigward ic-cekk immarkat bhala Dok. AL2 l-imputat qal lil Pulizija li dan ic-cekk kien tahulu certu Larry Zammit, kien ikkonferma li l-kitba rigward lil min hu pagabbli c-cekk u l-ammont kien kitibhom hu stess izda

qal li l-firma fuq l-imsemmi cekk ukoll ma kienx ghamilha hu. L-imputat izda ikkonferma li huwa kien ghadda dan ic-cekk lil Michael Farrugia sabiex ihallas id-dejn li kellu mieghu rigward ic-cekk immarkat bhala Dok. AL1 l-imputat qal lil Pulizija li dan ic-cekk kien tahulu habib tieghu certu AP. Mallia minn Hal-Balzan izda qal li wara li kien prezenta dan ic-cekk lil Michael Farrugia AP Mallia kien infurmah li ic-cekk ma setghax jigi onorat peress li ma kienx hemm bizzejjed fondi fil-kont u huwa ghalhekk kien informa lil Farrugia sabiex ma jsarrafx ic-cekk izda dan tal-ahhar kien infurmah li kien diga' ghadda l-imsemmi cekk lil habib tieghu fir-Renju Unit sabiex dan jissarraf. Fl-istqarrija l-imputat qal ukoll li kien issellef il-flus f'diversi okkazzjonijiet minghand Michael Farrugia bejn l-1992 u l-1994 u spjega li dan kien izommlu imghax ta' 30%. Huwa qal ukoll li Maria Agius li kienet is-siehba tieghu ghamlet zmien twil thallaslu lura dan id-dejn u meta din tal-ahhar ma baqghetx taghmel hekk Michael Farrugia kien qed jithallas bir-rata ta' Lm150 fix-xahar mill-paga tal-imputat li kien impjegat mal-Garden of Eden Garage.

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri (deposizzjoni relattiva inserita a fol. 86 sa 89 tal-process) fejn ikkonferma il-verzjoni tal-fatti minnu moghtija fl-istqarrija. F'dawn il-proceduri xehdet ukoll Maria Agius (xhieda inserita a fol. 90 u 91 tal-process) fejn din ikkonfermat li kienet taghmel pagamenti lil Michael Farrugia ghan-nom tal-imputat. Ikkonfermat ukoll li l-imputat kien ihallas lil Farrugia imghax ta' bejn 20 u 30% u qalet li meta hija marret sabiex tipprova tithallas l-ammont dovut lilha mil-imputat bhala manteniment ghal binha, l-employer tal-imputat il-Garden of Eden Garage kien infurmha li kien qed ihallas kwazi il-paga kollha tal-imputat lil Michael Farrugia.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tal-ewwel zewg akkuzi l-imputat jinsab akkuzat bir-reati kontemplati fl-Artikoli 183 u 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' bil-falsifikazzjoni ta' att awtentiku u pubbliku jew tibdil fi skrittura kummercjali

(Artikolu 183) u bl-uzu ta’ att, kitba jew skrittura falza (Artikolu 184).

Il-Qorti wara li fliet bir-reqqa kollha dovuta il-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz jidrilha li l-ewwel akkuza bl-ebda mod ma giet pruvata sal-grad rikjest mill-ligi fil-konfronti tal-imputat stante li ma ngabitx prova li kien l-istess imputat li ffalsifika il-firem fuq it-tlett cekkijiet in kwistjoni. L-imputat fl-ebda mument ma kkonferma jew ammetta li kien hu li ghamel il-firma fuq dawn it-tlett cekkijiet u l-Prosekuzzjoni fl-ebda stadju ta’ dawn il-proceduri ma talbet sabiex jigi nominat espert kaligrafu sabiex jistabbilixxi jekk il-firma fuq it-tlett cekkijiet kienitx effettivament giet maghmula mill-imputat. Kull ma rnexxilha tipprova l-Prosekuzzjoni huwa li dawn it-tlett cekkijiet gew prezentati lil Michael Farrugia mill-imputat u li dawn ma gewx onorati stante li ma kienx hemm fondi fil-kontijiet bankarji riferibbli ghal dawn ic-cekkijiet. Irid jinghad inoltre li prova li l-firma fuq ic-cekkijiet in dizamina setghat kienet iffalsifikata ingabet biss in kwantu jirrigwarda cekk wiehed, u cioe’ dak immarkat bhala Dok. AL3. Fil-kaz ta dan ic-cekk fil-fatt xehed Dr. Frank Portelli (xhieda relattiva inserita a fol. 41 sa 43 tal-process) fejn dan spjega li ghal habta tas-sena 1996 kien insteraqlu ic-cheque book mill-clinic tieghu f’ H’ Attard u qal li huwa kien effetwa stop payment in kwantu jirrigwarda ic-cekkijiet li kienu nsterqu u ghalhekk ma ttiehed xejn mill-kont tieghu. Irid jigi rilevat izda li dan ix-xhud ma kkonfermax li l-firma li kien hemm fuq ic-cekk immarkat bhala Dok. AL3 ma kienitx tieghu. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-anqas in kwantu jirrigwarda ic-cekk immarkat bhala Dok. AL3 ma jista’ jitqies li l-Prosekuzzjoni resqet prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li saret falsifikazzjoni ta’ firma fuq dan id-dokument kif l-anqas ma ngabet prova sal-grad rikjest mill-ligi li d-dokumenti mmarkati bhala Dok. AL1 u 2 huma falsifikati. Una volta li ma ngabitx il-prova tal-falsifikazzjoni l-anqas ma jista’ jitqies li gie pruvat li l-imputat ghamel uzu minn att, skrittura jew kitba falsifikata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------